

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/428/PESK

tat-18 ta' Lulju 2011

b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm biex jiġi implimentat il-Programm ta' Azzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu f'Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(2) u l-Artikolu 31(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2001, l-Istati parteċipanti fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti adottaw il-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu f'Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (il-Programm ta' Azzjoni). Fit-8 ta' Diċembru 2005, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat Strument Internazzjonali li Jippermetti lill-Istati Jidentifikaw u Jittraċċaw, b'Mod f'Waqt u Affidabbli, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti (l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar). Dawn iż-żewġ strumenti internazzjonali jiddikjaraw li l-Istati ser jikkoperaw, kif meħtieġ, man-Nazzjonijiet Uniti sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.
- (2) It-Tielet Laqgħa Biennali tal-Istati tal-2008 għall-Konsiderazzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni nnotat fir-rapport finali tagħha l-importanza ta' approċċi reġjonali għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni u l-utilità, għalhekk, li jsiru laqgħat reġjonali sponsorizzati mill-Istati interessati u minn organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u subreġjonali f'pożizzjoni li jagħmlu dan. Ir-rapport finali ħeġġeġ lill-Istati wkoll biex jappoġġjaw u jagħmlu użu sħiħ mill-mekkaniżmi eżistenti li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni u t-tlaqqiġ tal-ħtiġijiet marriżorsi, bħas-Sistema ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni.
- (3) Fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE biex tikkumbatti l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċitu ta' armi żgħar u armamenti ħfief (SALW) u l-munizzjoni tagħhom (l-Istrateġija tal-UE dwar l-SALW). L-Istrateġija tal-UE dwar l-SALW tidentifika l-appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tal-NU bħala l-ewwel prijorità għall-azzjoni fil-livell internazzjonali, u ssejjaħ għall-adozzjoni ta' strument internazzjonali li jorbot legalment dwar it-traċċar u l-immarkar ta' SALW u munizzjon.
- (4) Wara l-adozzjoni tal-istrument internazzjonali dwar it-traċċar, l-Unjoni Ewropea appoġġjat l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni

tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/113/PESK tat-12 ta' Frar 2008 li tappoġġja l-Istrument Internazzjonali li jippermetti lill-Istati Jidentifikaw u Jittraċċaw, b'Mod f'Waqt u Affidabbli, Armi Żgħar u Armamenti Ħfief Illeċiti (SALW) ⁽¹⁾. L-implimentazzjoni ta' dik l-Azzjoni Konġunta ġiet valutata pożittivament mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

- (5) Fit-2 ta' Diċembru 2009, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Riżoluzzjoni A/RES/64/50 dwar il-kummerċ illeċitu f'armi ħfief u ta' kalibru żgħir fl-aspetti kollha tiegħu li jinkoraġġixxi kull inizzjattiva, inklużi dawk ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali u sub-reġjonali, għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Programm ta' Azzjoni u tenfasizza li l-inizzjattivi mill-komunità internazzjonali fir-rigward tal-assistenza u l-kooperazzjoni internazzjonali jibqgħu essenzjali u komplementarji għall-isforzi tal-implimentazzjoni nazzjonali.
- (6) Ir-Riżoluzzjoni A/RES/64/50 provdjet ukoll li r-raba' laqgħa biennali tal-Istati għall-konsiderazzjoni tal-implimentazzjoni nazzjonali, reġjonali u globali tal-Programm ta' Azzjoni għandha ssir fi New York mill-14 sat-18 ta' Ġunju 2010, u li ser titlaqqa' konferenza biex tirrevedi l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni għal perijodu ta' ġimagħtejn fi New York, mhux aktar tard mill-2012.
- (7) Ukoll fit-2 ta' Diċembru 2009, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat ir-Riżoluzzjoni A/RES/64/51 dwar Problemi li jirriżultaw mill-akkumulazzjoni ta' ħażniet ta' munizzjon konvenzjonali f'eċċess, li tħeġġeġ lill-Istati f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti ta' linji gwida tekniċi għall-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon konvenzjonali, sabiex jgħinu lill-Istati jtejbu l-kapaċità ta' ġestjoni tal-ħażniet nazzjonali tagħhom, u jimpedixxu t-tkabbir ta' eċċessi ta' munizzjon konvenzjonali;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

1. Bil-ħsieb li tappoġġja t-tħejija tal-Konferenza ta' Reviżjoni tal-Programm ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu f'Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu li għandha ssir fl-2012, l-Unjoni għandha tfittex li tikseb l-oġġettivi li ġejjin:

⁽¹⁾ ĠU L 40, 14.2.2008, p. 16.

— il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar SALW fil-livell globali kif ukoll reġjonali;

— tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Istrument Internazzjonali dwar it-Traċċar (ITI);

— tappoġġa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' linji gwida tekniċi tan-NU għall-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon.

2. Biex tikseb l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha twettaq il-miżuri li ġejjin:

— tiżviluppa s-Sistema ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni bħala għodda effettiva għall-koordinazzjoni tal-isforzi internazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU, inkluż permezz ta' appoġġ għall-Grupp informali ta' Stati Interessati dwar SALW;

— torganizza numru, li jista' jasal sa tmienja, ta' laqgħat reġjonali ta' jumejn dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni fil-livell reġjonali;

— torganizza korsijiet reġjonali ta' taħriġ għal min iħarreġ dwar l-Istrument Internazzjonali dwar it-Traċċar għall-pajjiżi fil-Punent tal-Afrika, u toħloq faċilità tal-immarkar u ħila esperta f'pajjiżi tar-reġjun li ma għandhomx tagħmir bħal dan;

— tappoġġa l-iżvilupp ta' Linji gwida tekniċi tan-NU dwar il-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon;

— tappoġġa l-implimentazzjoni tal-linji gwida permezz ta' programmi reġjonali ta' taħriġ għal min iħarreġ għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar tal-Afrika, fl-Amerika Latina u fil-Karibew;

— tappoġġa l-Istati individwali li għandhom bżonn kritiku ta' għajjnuna fil-ġestjoni tal-ħażniet tagħhom ta' munizzjon, billi tingħata għajjnuna teknika, legali u ta' politika u taħriġ speċjalizzat.

Deskrizzjoni dettaljata ta' dawn il-miżuri tinsab fl-Anness.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-RGħ) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mill-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet tad-Diżarm (minn hawn 'il quddiem UN-ODA).

3. L-UN-ODA għandha twettaq il-kompitu tagħha taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dan l-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UN-ODA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 2 150 000.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata konformement mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dan l-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-UN-ODA. Il-ftehim għandu jistipula li l-UN-ODA għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod adatt għad-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dak li tista' sabiex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 mill-aktar fis possibbli wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni 1. Hija għandha tgħarraf lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 4

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fuq il-bażi ta' rapporti regolari ta' kull xahrejn imfasslin mill-UN-ODA. Dawn ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul tagħha fis-seħħ jekk dak il-ftehim ta' finanzjament ma jkunx ġie konkluż sa dakinhar.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

ANNEX

1. Obiettivi

L-obiettivi ġenerali ta' din id-Deċiżjoni huma l-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (PoA tan-NU dwar l-SALW) bil-ħsieb tal-Konferenza ta' Reviżjoni li għandha ssir fl-2012; il-promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrument Internazzjonali dwar it-Traċċar, u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' linji gwida tekniċi tan-NU dwar il-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon. Ser tkun iggarantita sinerġija massima mal-istrumenti finanzjarji rilevanti l-oħra tal-Unjoni.

2. Deskrizzjoni tal-miżuri**2.1. Promozzjoni tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU dwar SALW fil-livell globali kif ukoll reġjonali****2.1.1. Objettiv tal-miżura**

Li jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU minn Stati terzi;

Li jappoġġja l-iżvilupp tas-Sistema ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni (PoA ISS) bħala għodda effettiva għall-koordinament tal-isforzi internazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-appoġġ għall-grupp informali "Grupp ta' Stati Interessati dwar miżuri prattiċi għad-diżarm" (GIS).

2.1.2. Deskrizzjoni tal-miżura

Organizzazzjoni mill-UN-ODA, meġġun fejn meħtieġ miċ-Ċentri Reġjonali tiegħu dwar id-Diżarm, ta' numru, li jista' jasal sa tmienja, ta' laqgħat reġjonali ta' jumejn dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-PoA fl-livell reġjonali. Dawn il-laqgħat ser ikollhom l-għan li jiffamiljarizzaw aktar lill-pajjiżi terzi rilevanti mal-aspetti reġjonali tal-PoA tan-NU u mar-rakkomandazzjonijiet tat-Tielet u r-Raba' Laqgħa Biennali tal-Istati bi thejġija għall-Konferenza ta' Reviżjoni tal-2012. Matul is-seminars il-pajjiżi benefiċjarji ser, inter alia, jieħdu kont tal-pjani eżistenti ta' implimentazzjoni reġjonali għall-perijodu 2010-2012 u ser jiġu mħeġġa biex jifformulaw pjani ta' implimentazzjoni reġjonali għall-perijodu 2013-2014 li jinkludu miri li jistgħu jitkeġlu u jintlaħqu u li huma marbuta biż-żmien.

L-iżvilupp u t-titjib tal-PoA-ISS bħala għodda effettiva għall-koordinament tal-isforzi internazzjonali għall-implimentazzjoni tal-PoA tan-NU, bl-integrazzjoni fil-pjattaforma tal-PoA-ISS ta' għodda bbażata fuq il-web biex jitlaqqgħu l-ħtiġijiet u r-riżorsi għas-SALW, bl-iżvilupp ta' funzjoni elettronika ta' rappurtar għar-rapporti nazzjonali dwar il-PoA, bl-iżvilupp ta' taqsimiet reġjonali u tematiċi fil-PoA-ISS, u bl-iżvilupp ta' verżjonijiet b'lingwi differenti tal-pjattaforma eżistenti tal-PoA-ISS. L-appoġġ għall-GIS informali bħala forum li jippromwovi l-koordinament u l-iskambju ta' informazzjoni u għarfien bejn id-donaturi u s-sistema tan-NU kif ukoll partijiet interessati tal-PoA dwar l-attivitajiet tagħhom fil-qasam tal-armi ħfief inkluż dwar deskrizzjonijiet ta' proġetti ppreżentati u dwar tfassil ta' politika (are p.eż. r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali dwar Miżuri Prattiċi ta' Diżarm, A/RES/63/62), ser jinkludi appoġġ għall-organizzazzjoni u s-servizz ta' laqgħat regolari ta' dan il-Grupp (darbtejn sa tlieta fis-sena).

2.1.3. Riżultati tal-miżura

Titjib fl-implimentazzjoni reġjonali tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU, thejġija effettiva tal-Istati benefiċjarji għall-Konferenza ta' Reviżjoni fl-2012, u twittija tal-bażi għall-iżvilupp ta' pjani ta' implimentazzjoni reġjonali realistiċi li jistgħu jintlaħqu u jitkeġlu u li jkunu marbuta biż-żmien għall-perijodu 2012-2014.

Informazzjoni mteġba, b'diversi lingwi, faċli biex tużaha u affidabbli dwar il-ħtiġijiet ta' implimentazzjoni marbuta mal-Programm ta' Azzjoni, bis-Sistema ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni ssir l-għodda ewlenija li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrument internazzjonali; ġestjoni razzjonalizzata tal-għajnuna internazzjonali permezz tat-titjib tar-rwol koordinatur tal-Grupp ta' Stati Interessati.

2.1.4. Postijiet fejn isiru seminars

L-UN-ODA ser tipproponi lista ta' postijiet potenzjali fejn isiru seminars reġjonali li mbagħad jiġu approvati mir-RGħ f'konsultazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Kunsill. Il-kriterji użati biex jintgħażlu l-postijiet għas-seminars ser jinkludu r-rieda u l-impenn biex Stat rilevanti f'reġjun partikolari jospita seminar, il-livell ta' impenn għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU fir-reġjun, u jekk ikun rilevanti, l-impenn ta' organizzazzjoni reġjonali jew sub-reġjonali rilevanti.

2.1.5. Benefiċjarji tal-miżura

L-Istati li jeħtieġu għajnuna fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU. L-għażla ta' benefiċjarji speċifiċi biex jipparteċipaw fis-seminars reġjonali ser tieħu kont tal-impenni u l-isforzi ta' implimentazzjoni magħmula mill-benefiċjarji potenzjali fil-qasam ta' SALW. L-UN-ODA ser tipproponi lista qasira ta' benefiċjarji li mbagħad tiġi approvata mir-RGħ f'konsultazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Kunsill.

2.2. Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrument Internazzjonali dwar it-Traċċar (ITI);

2.2.1. Objettiv tal-miżura

Li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-ITI, permezz tat-titjib tal-ħiliet tal-uffiċjali rilevanti tal-istat fil-Punent tal-Afrika fl-identifikazzjoni, l-immarkar, it-traċċar u ż-żamma ta' reġistru dwar SALW, u l-forniment ta' tagħmir rilevanti.

2.2.2. Deskrizzjoni tal-miżura

Organizzazzjoni ta' korsijiet reġjonali ta' taħriġ għal min iħarreġ dwar aspetti essenzjali tal-ITI għal uffiċjali magħżula mill-Punent tal-Afrika.

Ħolqien ta' faċilitajiet għall-immarkar u ħila esperta f'pajjiżi tar-reġjun neqsin minn tagħmir bħal dan, inkluż permezz tal-akkwist ta' magni għall-immarkar, il-ħolqien ta' faċilitajiet għaż-żamma ta' reġistri, u taħriġ fl-immarkar u t-traċċar għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi.

Konsultazzjonijiet mar-RGħ, ma' korpi rilevanti tal-Kunsill, u koordinament mal-Inizjattiva għall-Kosta tal-Punent tal-Afrika u l-UNDP, ser jiżguraw li ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' Programmi oħra tal-Unjoni fil-Punent tal-Afrika.

2.2.3. Riżultati tal-miżura

Tnaqqis tat-theddida għas-sigurtà ppreżentata mill-kwantità ta' SALW illeċiti, permezz ta' kontroll aħjar fuq il-kwantità u t-tipi ta' SALW, titjib fil-ħila esperta ta' diversi aġenziji nazzjonali sabiex jikkumbattu l-proliferazzjoni ta' SALW u "craft arms", u titjib tal-kooperazzjoni fis-settur tas-sigurtà fost l-Istati dwar l-ITI.

2.2.4. Benefiċjarji tal-miżura

L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-15-il Stat Membru tal-Komunità Ekonomika ta' Stati tal-frika tal-Punent (ECOWAS); l-ECOWAS u l-programm tagħha dwar l-armi ħfief, ECOSAP; is-soċjetà ċivili u komunitajiet lokali.

2.3. Appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' linji gwida tekniċi tan-NU għall-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon

2.3.1. Objettiv tal-miżura

Appoġġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' linji gwida tekniċi tan-NU għall-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon.

2.3.2. Deskrizzjoni tal-miżura

Konklużjoni tal-iżvilupp ta' linji gwida tekniċi tan-NU għall-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon. Dan ser jinkludi: torganizza laqgħa tal-Kumitat ta' Eżami Tekniku għall-iżvilupp tal-linji gwida, u l-ipproċessar u l-inkorporazzjoni tar-riżultati ta' dik il-laqgħa fil-verżjoni finali tal-linji gwida, u t-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni tal-linji gwida.

Appoġġ għall-użu operattiv u l-implimentazzjoni tal-linji gwida permezz ta' programmi reġjonali ta' taħriġ għal min iħarreġ għal uffiċjali tal-infurzar tal-liġi fir-reġjun tal-Lagi l-Kbar tal-Afrika, fl-Amerika Latina u fil-Karibew, inkluż permezz ta' Ċentri Reġjonali tal-UNODA dwar id-Diżarm. Dawn il-programmi ta' taħriġ avvanzat ser jinkludu suġġetti dwar il-prinċipji u l-elementi essenzjali tal-ġestjoni tal-ħażniet; ġestjoni tar-riskji; kontabbiltà tal-munizzjon; trasport; u sigurtà u qerda. Il-programmi ta' taħriġ fl-Amerika Latina/il-Karibew ser jibnu fuq it-taħriġ mogħti qabel u appoġġjat mill-Unjoni f'dawn ir-reġjuni, u jikkomplementawh.

Fuq il-bażi tas-sejbiet ta' dawk il-programmi ta' taħriġ avvanzat, jiġu identifikati l-Istati li għandhom hteġa kritika ta' għajnuna fil-kontroll tal-ħażniet ta' munizzjon u jingħatawlihom (direttament jew permezz ta' organizzazzjonijiet reġjonali):

— l-għajnuna teknika meħtieġa biex jiżviluppaw l-istrutturi essenzjali legali u ta' politika għall-implimentazzjoni tal-linji gwida, inkluża gwida individwali fuq il-post;

— appoġġ u għajnuna biex tiddaħħal fis-seħħ infrastruttura adegwata għall-ġestjoni tal-ħażniet permezz tal-għoti ta' gwida dwar l-applikazzjoni Prattika tal-linji gwida tekniċi għall-faċilitajiet użati għall-ħżin ta' munizzjon.

2.3.3. Riżultati tal-miżura

Linji gwida tekniċi li huma żviluppatti u lesti biex jiġu implimentati;

Tnaqqis fit-theddida għas-sigurtà nazzjonali u reġjonali permezz ta' titjib fil-ġestjoni tal-ħażniet fil-livell nazzjonali f'żewġ reġjuni importanti.

2.3.4. Benefiċjarji tal-miżura

Gvernijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali; is-soċjetà ċivili u gruppi u individwi milquta ħażin bil-proliferazzjoni bla kontroll ta' SALW.

L-għażla tal-Istati li ser jibbenefikaw minn għajnuna speċifika u taħriġ ser tieħu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi u l-impenji meħuda mill-benefiċjarji potenzjali fil-qasam tal-ġestjoni ta' ħażniet ta' munizzjon. L-UN-ODA ser tipproponi lista qasira ta' benefiċjarji li mbagħad tiġi approvata mir-RGħ f'konsultazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Kunsill.

3. **Tul ta' żmien**

It-tul ta' żmien totali tal-miżuri hu stmat li jkun 24 xahar.

4. **Entità ta' implementazzjoni**

L-implimentazzjoni teknika ta' din id-Deċiżjoni ser tkun fdata lill-UNODA li ser iwettaq il-kompitu tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ.

5. **Rappurtar**

L-UN-ODA ser iħejji rapporti regolari, kif ukoll rapporti wara li titlesta kull waħda mill-attivitajiet deskritti. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati lir-RGħ mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jitlestew l-attivitajiet rilevanti.

6. **Spiża totali stmata tal-miżuri u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni**

L-ispiża totali tal-miżuri hija ta' EUR 2 150 000.
